KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 56 Tnejn 12 ta' Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:40 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar – Viċi-Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI
Mark Micallef Costa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Rachel Tua. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 55.

Ref: 55.3.5 - Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet jekk instabx post alternattiv għal Cat Cafe. Is-Sindku nforma li post alternattiv għadu ma nstabx, u nforma lil membri li sar jaf li hemm persuna li qed titma/jitma l-qtates fil-Ġnien tal-Blata l-Għolja, pero' ir-residenti ma jixtiequx li jirrapurtaw.

Ref: 55.3.4 – Is-Sindku nforma li t-*tender* tat-*tarmac* reġa nħareġ mir-Reġjun biex ix-xogħol jitlesta sa l-aħħar ta' Ġunju. Nisperaw li jkun hemm min japplika, peress li ħadd ma applika meta nħareġ it-*tender* l-ewwel darba, peress li ma kienx se jkun hemm żmien biżżejjed biex jitlesta ix-xogħol kif kien stipulat fit-*tender*.

Ref: 55.3.3 - Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet jekk tneħħewx lis-*speed bumps* li saru fi Triq EB Vella. Is-Sindku nforma li tneħħew.

Ref: 55.4.6 – Is-Sindku nforma li l-bankina fi Triq San Anton Abbati ħa ssir mil-kuntrattur.

Ref: 55.4.12 - Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet jekk hemmx xi nformazzjoni dwar il-linja safra fi Triq l-Oratorju. Is-Sindku nforma li mar jara personali hu, u li l-kaxxa safra mhijiex ta' min ressaq l-ilment, imma tal-ġara tiegħu. Is-Sindku qal wkoll li hemm kaxxa bajda li qegħda viċin ta' entratura ta' residenza, u għalhekk ħa nitolbu biex tersaq għal-madwar metru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 55.

## 56.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 56.3.1 Korrispondenza-Traffic Control Committee

Is-Sindku nforma li *zebra crossing* ta' quddiem Inglott biex tersaq l-fuq, il-*bus bay* u *timed parkings* fi Triq Kostituzzjoni, u biex titwessa Triq il-Kbira quddiem Paul & Waters peress li meta d-*double deckers* jersqu viċin il-bankina qegħdin jolqtu gallerija, ma ġewx approvati min Transport Malta.

Is-Sindku nforma li oriġinarjament kien sar qbil u ftehmna ma Transport Malta li naqsmu l-ispejjes jirrigwarda il-*line markings* ta' Triq Kostituzzjoni. Għalhekk il-Kunsill għamel il-pjanta ta' kif ħa jiġu l-*line markings*, imma dawn ma ġewx approvati mill-uffiċjal l-ġdid li nħatar fuq iż-żona tal-Mosta, kif wkoll irrifjuta t-talba biex titwessa Triq il-Kbira, u biex tersaq iz-*zebra crossing.*

Is-Sindku qal wkoll li kien hemm talba oħra biex nagħmlu tabella *'no left turn to heavy vehicles',* min Triq il-Kbira fejn lis-Sphinx għal Triq Kungress Ewkaristiku, imma li jduru mal-monument ta' l-iljun, imbagħad jidħlu għal Triq Kungress Ewkaristiku. Din it-talba saret peress li meta jduru tal-linja qed jqaċċtu l-*bollards.* Din it-talba ġiet rifjutata min Transport Malta peress li fl-opinjoni tagħhom ħa jinħoloq iktar traffiku mar-*roundabout.*

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li se jerġa jiddiskuti u jinsisti ma Transport Malta, għax l-ewwel s-sigurta mhux il-konvenjenza.

Fis-7:54 daħal għal laqgħa il-Viċi Sindku James Cassar.

### 56.3.2 Korrispondenza – PA1136-18 The placement of adverts on exisiting lighting poles

Is-Sindku nforma li l-Enemalta applikat biex twaħħal avviżi ta' reklamar ma l-arbli tad-dawl tagħhom, fi Triq Kostituzzjoni.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill għandu *bye-law* biex ma jsir l-ebda tip ta' *advertising* fil-Pjazza. U jekk l-arbli huma responsabilita tal-Kunsill, għandu jkun il-Kunsill li jiddeċiedi.
Il-membri preżenti approvaw unanimament li ssir oġġezzjoni, biex ma jsirux l-ebda tip ta' *advertising* fil-Pjazza, min Cauchi Stationers sas-Sofra.

56.3.3 Korrispondenza – Puttinu 30th March

Is-Sindku nforma lil membri preżenti dwar il-mixja li ssir kull sena mill-Mellieħa sa' l-Isla, u ġie ssuġġerit li nofru trasport bħal Kunsilli oħrajn.

Il-membri preżenti qablu unanimament li norganizzaw *coach* mil-Mosta, u nipreparaw poster biex ninfurmaw lil-pubbliku. Mhux ħa jittieħdu *bookings,* u l-*coach* ħa titlaq mil-Pjazza fuq *first come first served basis.*

56.3.4 Korrispondenza – Bicycle Stand

Is-Sindku nforma li fi Vjal Indipenenza fejn infetaħ l-gym saret talba biex issir *bicycle stand.* Irċevejna l-pjanta u skond il-pjanta ħa jifdal biżżejjed aċċess fuq il-bankina.

Il-membri preżenti qablu unanimament biex nibgħatu *no objection* lil Transport Malta għal permess tagħhom peress li hija triq arterjali.

56.3.5 Korrispondenza – Ismijiet ta Toroq pendenti Fabrizio Bartolo, Tas-Swej, triq il-Kbira

Is-Sindku nforma li kien sar qbil li triq li tagħti mil-Mosta għal-Bidnija tissemma għal-Freddie Micallef. Oriġinarjament il-Kunsill kien qabel li tissemma t-triq għal-Freddie Micallef fejn kien joqgħod, pero' din ma ġietx approvata u d-dipartiment tal-Ismijiet tat-Toroq talab biex nsibu toroq li għadhom bla isem.

Rigward Tas-Swej, qed nistennew l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-Ismijiet tat-Toroq.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tapplika biex it-triq li tagħti mil-Mosta għal-Bidnija tissemma għal-Freddie Micallef. Kien hemm qbil sabiex nerġaw nikkuntatjaw lil Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq.

56.3.6 Korrispondenza – Un/Loading bays in Valletta Road Mosta

Is-Sindku nforma li fejn l-Invicta għalkemm il-Kunsill oġġezzjona, reċentement saret *un/loading bay* min Transport Malta.

Ftit il-fuq fejn hemm l-Olympus u l-iskola taż-żfin, hemm problemi kbar peress li sewwieqa qed jieqfu jistennew fuq il-bankina u fuq il-*bus bay,* fejn qed jinħoloq ħafna traffiku.

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma l-iskola taż-żfin, u qed jintalab biex issir *un/loading bay* bħal ma saret fejn l-Invicta. Pero' l-aħjar soluzzjoni hija li tinfetaħ Triq ir-Rebbiegħa u tingħaqad ma Triq E.B Vella, ma Triq il-Farinal u dawk l-inħawi.

Is-Sindku nforma li l-*local plan* diġa maħsub, kif wkoll saret PC *application* biex jsir ir-*road alignment,* u għalhekk ħa nitkelmu ma Transport Malta biex kemm jista jkun jsir malajr.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil LESA biex jagħmlu *enforcement* fl-inħawi ta' l-Olympus u l-iskola taż-żfin fejn jidħol *infringement* ta' *parking.*

Is-Sindku nforma wkoll, li rċevejna korrispondenza min resident li jaħdem ma Transport Malta, fejn jaf li Valletta Road taqa' taħt Transport Malta, pero' qed jitlob lil Kunsill biex għas-sigurta tar-residenti jsiru *speed cameras*.

Ilna xhur nistennew li jsiru *traffic calming measures* min Transport Malta li ġew approvati minnhom stess, wara *meeting* li kelna fuq il-post magħhom u mal-LESA, u mil-informazzjoni li

għandna dawn qed jaraw il-proġett b'mod ħolistiku u ħa jsiru kif jitlesta l-proġett ta' Vjal Indipendenza, għalkemm sirna nafu mir-residenti li l-proġett ta' Vjal Indipendenza waqaf mingħajr ħadd ma jaf għalfejn, u għalhekk ġie mitlub iktar informazzjoni min Transport Malta.

### 56.3.7 Korrispondenza – Tal-Wej Protected area

Is-Sindku nforma li l-oġġezzjoni li għamel il-Kunsill fuq iż-żona tal-Wej ġiet milqugħa mil-Planning Authority, peress li l-applikant irtira l-applikazzjoni qabel ma seħħ is-smiegħ.

### 56.3.8 Korrispondenza – Robotica Nation and Game coding training course this summer in your locality

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri, li fil-passat il-Kunsill kien jħallas 1,150 Ewro lit-TCTC għal-żewġ korsijiet li kienu EM Citizen u Robotica. Dan il-ftehim kien sar peress li flimkien mat-TCTC, il-Kunsill għamel il-*computer room.* Dan il-ftehim kien għal-tlett snin, fejn il-Kuntratt skada lejn l-aħħar ta' l-2017.

Min din is-sena il-korsijiet ħa jiswew €1,150 għal EM Citizen, €2,000 ir-Robotica u l-Coding 4 Kids jekk jittieħdu flimkien, jekk jintgħażel wieħed minnhom dawn ħa jiswew €1,150 kull wieħed.

Il-membri preżenti qablu unanimament li jsiru it-tlett korsijiet li ħa jiġu jammontaw għal 3,150 Ewro.

### 56.3.9 Korrispondenza – MHF Grand Tour Health Talks

Is-Sindku nforma li l-Kunsillier Mark Micallef Costa bgħat *email* rigward *health talks* organizzata mil-Malta Heart Foundation, fejn qed jitolbu spazju biex jsiru *talks* minn tobba, professuri u speċjalisti, fejn l-attendenza tkun b'xejn għal kull min jattendi.

Il-membri preżenti qablu unanimament li tiġi offruta l-użu tas-sala b'xejn.

### 56.3.10 Korrispondenza – Residents Parking

Is-Sindku nforma li mhux l-ewwel darba li r-residenti jitolbu *residents parking* bħal ma hemm f'lokalitajiet oħra, u l-aħħar informazjoni li għandna li dawn twaqqfu bil-qorti u m'għadomx joħorġu permessi.

Is-Sindku nforma li hemm *legal notice* fejn hemm indikat liema lokalitajiet għandhom ir-*residents parking,* u dawn huma Birgu, Rabat Għawdex, Fontana, Balzan, Floriana, Għaxaq, Ħamrun, Pieta, Msida, Iklin, Mellieħa, Naxxar, Pembroke, San Ġiljan, Sliema, San Pawl il-Baħar, San Ġwann, Swieqi, Ta' Xbiex u l-Belt Valletta.

Għalhekk meta n-nies jmorru f'dawn il-lokalitajiet, jistaqsu kif il-Mosta m'hemx ir-*residents parking scheme,* u l-Kunsill bgħat jistaqsi lil Transport Malta jekk inbiddlux xi direttivi, pero' għad ma rċevejniex risposta. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-lokalitajiet msemmija li għandhom ir-*residents parking* saru fl-2011, u wara din is-sena qatt ma ġewx approvati aktar lokalitajiet.

Fit-8:18 daħal għal laqgħa il-Kunsillier Dr. Karl Tanti.

### 56.3.11 Korrispondenza – Notification of Receipt of Fresh Plans - PA/07677/17

Is-Sindku nforma li l-iżvillup relatat ma' Klinika fi Triq Dun Gwann Pullicino, wara li l-Kunsill tefa' l-oġġezzjoni tiegħu, jidher li l-applikant reġa ssottometta pjanti ġodda.
Qed nistennew mil-Perit tal-Kunsill biex jibgħatilna kopji tal-pjanti biex naraw x'tibdil hemm.

### 56.3.12 Kommunikazzjoni – Claims

Is-Sindku nforma li qed jistenna risposta mil-Kunsilliera Rachel Tua, biex il-bord tal-*claims* jiltaqa' l-Ħamis 15 ta' Marzu.

## 56.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 56.4.1 Nuqqas ta' tindif fit-toroq

Il-Kunsillier Frans Deguara qal li kellu telefonata min residenta fejn ilmentat fuq il-ħmieġ fi Triq il-Kostituzzjoni fuq lejn Casa Arkati.

Is-Segretarju Eżekuttiv għanda tinforma lil-Kuntrattur.

### 56.4.2 Ħarġa tal-Kunsill

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma lil membri preżenti li l-ħarġa li jmiss ħa tkun il-Ħamis 29 ta' Marzu, fejn ħa jsiru il-viżti ta' seba' knejjes l-Mdina u r-Rabat.

### 56.4.3 Newsletter – Mosta Solidali

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma lil membri preżenti li din il-ġimgħa titlesta n-*newsletter* u tmur għal-*printing.*

### 56.4.4 Lift ta' Ċentru Ċiviku

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa f'hiex wasal il-proċess tal-*lift* l-ġdid.
Is-Sindku nforma lil membri li x-xogħlijiet għandhom jibdew f'nofs Marzu u jitlestew sas-7 ta' April.

Fit-8:23 daħlet għal-laqgħa il-Kunsilliera Dr. Angele Rapa.

### 56.4.5 Patching

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li hemm bżonn li jsir *patching* fi Trejqet il-Ħanqa, kif wkoll fi Triq Wied is-Sir fejn ir-razzett tal-Marquis. Is-Sindku nforma li fejn ir-razzett tal-Marquis, ħa jsir *resurfacing* tat-toroq.

### 56.4.6 Viżti lil-ħabsin

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa dwar il-pjan li l-Kunsilliera jagħmlu żjara lil-ħabsin, u jekk hux ħa nżuru ta' Kordin jew tas-SATU l-Mtaħleb. Is-Sindku nforma li din qed tieħu ħsieba l-Kunsilliera Rachel Tua, pero' għadna ma smajna xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tfakkar lil-Kunsilliera Tua, biex tiprovdi *feedback.*

### 56.4.7 Sqallija

Il-Kunsillier Frans Deguara nforma li l-mawra għal Sqallija hija kkonfermata u qed jinbiegħu l-biljetti. Il-Kunsillier Deguara għandu jibgħat konferma tad-data lis-Sindku biex jkun jista jsir il-*poster.*

### 56.4.8 Bankina triq il-Qalbiena Mostin

Il-Kunsillier Jesmond Gauci irċieva lment dwar bankina gravi fi Triq Qalbiena Mostin. Is-Sindku nfurmaħ biex jiprovdi l-informazzjoni eżatt dwar l-bankina fejn qegħda bl'eżatt peress li m'hemx bankina li qegħda fi stat gravi fi Vjal il-Qalbiena Mostin. Is-Sindku nforma li f'dawk l-inħawi li hemm hija fi Triq Il-Midbaħ, u qegħda fil-lista tal-bankini li qed jsiru mill-PAMA.

### 56.4.9 Linji ta parkeġġ fi Blata l-Għolja

Il-Kunsillier Karl Tanti staqsa jekk il-Kunsill għamilx linji ġodda ta' parkeġġ u *double yellow lines* fil-Blata l-Għolja, peress li wasallu lment mingħand familja. Is-Sindku nforma li l-Gvern kien għamel *tarmac* mill-ġdid u *road markings* qatt ma saru, għalhekk l-Kunsill talab lil Transport Malta biex dawn jsiru, peress l-ewwel darba r-responsabilta li jsiru *road markings* hija tagħhom. Jidher li mad-dawra fejn qabel kienu jipparkjaw in-nies, issa ma jistawx għax saru *double yellow lines*, pero' dawn saru kif jippermettu l-proċeduri ta' Transport Malta.

### 56.4.10 Knis u tindif tat-toroq

Il-Kunsillier Karl Tanti qal li bagħat ritratt lis-Segretarju Eżekuttiv fuq tindif tat-toroq, biex tirraporta lil-kuntrattur. Is-Sindku nforma li qabel mal-Kunsillier Tanti daħal għal-laqgħa, il-membri iddiskutew din il-problema peress li żewġ kuntratturi ġew l-ewwel post, u qed nistennew linja gwida mid-dipartiment tal-kuntratti u l-monitoring unit tad- DLG.

### 56.4.11 Richmond Foundation – Mental First Aiders

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat lil membri li għan-*newsletter* li jmiss ħa joħroġ avviż għal min jixtieq li jiġi ċertifikat bħala Mental First Aider fil-kommunita. Dan il-kors ħa jsir b'xejn mir-Richmond Foundation, fejn ħa jużaw fondi għal dan il-għan.

Il-Kunsilliera Angele Rapa għanda tipprovdi r-reklam/avviż lis-Segretarju Eżekuttiv biex jintbagħat lis-*subscribers list* tal-Kunsill, kif wkoll jitella fuq Facebook.

### 56.4.12 SEDQA – Parenting Skills

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat li kellha laqgħa mas-Sedqa fejn qed jiproponu li jsir kors ta' 5 sessjonijiet fuq Parenting Skills, għal ġenituri u kull min għandu kuntatt ma tfal. Kull min jattendi jrid jħallas għal dan il-kors. Il-Kunsill ħa jiprovdi, ilma, te u cafe'.

### 56.4.13 OASI

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat li l-OASI kellhom laqgħa mat-tfal ta' l-iskola ta' E.B Vella, fejn ħa jsiru attivitajiet ta' tpinġija relatati mal-kultura. Eventwalment flimkien mal-Kunsill ħa ssir eżibizzjoni ta' dawn il-pitturi/tpinġijiet.

### 56.4.14 Grupp Tislima

Il-Kunsilliera Angele Rapa nfurmat li l-grupp Tislima għadu għaddej tajjeb fejn in-nies qed jċemplu wkoll. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera Rapa biex tieħu nota tas-Sinjur Vanni Sant li jixtieq li jċempillu xi ħadd biex jmorru jżuruħ peress li jinsab waħdu u maqful id-dar għax ma jistax joħroġ peress li waqa' min fuq sellun.

### 56.4.15 Triq Madre Teresa

Il-Kunsillier Christian Borg nforma li parti min Triq ta' Madre Tereża saret min Transport Malta. Is-Sindku nforma li l-parti l-oħra ħa ssir wkoll min Transport Malta.

### 56.4.16 Walking Club

Il-Kunsillier Christian Borg nforma li ħa jlesti *poster* biex issir laqgħa informattiva fl'4 ta' April.

### 56.4.17 Multa min Transport Malta

Il-Kunsillier Christian Borg nforma lil membri li Sindku ħabib tiegħu kien sorpriż ħafna, għax wara l'inizjattivi kontinwi biex jieħu ħsieb il-lokal, rċieva multa min Transport Malta għax ma ntalabx permess min għandhom biex jisewwew xi bankini. Għalhekk il-Kunsillier Borg talab biex noqgħodu attenti. Is-Sindku nforma lil membri preżenti li fil-fatt konna se ngħaddu mill l-istess esperjenza fuq toroq li ser jsiru bil-*concrete imprint,* għax ma konniex nafu li suppost nitolbu permess lil Transport Malta.

Fit-8:55 il-Kunsillier Joseph Gatt talab biex jiġi skużat għax kellu bżonn jitlaq.

### 56.4.18 Triq Ponsomby

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici qalet li fi Triq Ponsomby hemm kaxxa safra quddiem *store* li qed tintuża bħala *un/loading bay*. Reċentement marru l-Pulizija biex jneħħu karozza fuq talba tas-sid ta' l-istore, pero' legalment min kien ipparkjat seta jipparkja għax mhux garaxx biex idaħħal karozza.

Is-Sindku nforma li Transport Malta diġa nfurmati u qed nistennew risposta biex naraw jekk din il-kaxxa safra hijiex bil-permess bħala *un/loading bay.*

### 56.4.19 Triq San Pawl

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici qalet li hemm siġra li għanda bżonn tinqala' fi Triq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil kuntrattur u nirrapurtaw ma l'ERA.

### 56.4.20 Triq Kurat Schembri u Triq il-Paroċċa.

Il-Kunsilliera Maria Pia Bonnici staqsiet x'idejat hemm fuq Triq Kurat Schembri u Triq il-Paroċċa.

Is-Sindku nforma li diġa għandna direzzjoni li hija pedonali. Meta staqsejna lil Transport Malta qalulna li jekk hija żona pedonali għanda tibqa pedonali, pero' ma tawniex permess li nagħmlu l-*bollards* kif kienu qabel. Is-Sindku nforma li ma tistax tkun *un/loading* għar-residenti biss għax ma nistawx inwaqqfu milli jingħata servizz lir-residenti.

Il-Kunsilliera Bonnici qalet li jekk ħa tibqa pedonali, bl-*loading/unloading*, it-tabelli li hemm jridu jiġu ttranġati għax kif qegħdin ma jaqblux. Apparti li hemm bżonn *enforcement* għal-vetturi li qed jidħlu *one-way.*

## 56.5 Rapporti

### 56.5.1 Quarterly Report – Oct-Dec 2017

Il-Kunsillier Christian Borg qara' l-*quarterly report,* fejn hemm indikat ir-rapport Jannar sa Diċembru 2017, mqabbel ma l-*annual budget.* L-*income* kien ta' €1.518,106, *expenditure* ta' €1.297,498 fejn spiċċajna b'*surplus* ta' €220,608.
Importanti li bħala Kunsill irridu noqgħodu attenti fuq ammonti li l-Kunsill jkun jrid jiġbor, u dak li jħallas. Bħala qagħda finanzjarja meta tqabbel it-*total current assets* mat-*total current liabilities* qegħdin f'qagħda pożittiva.

Ftit iktar l-isfel fir-rapport insibu il-*financial situation indicator* li tqabbel il-*current assets* u l-*current liabilities* li kif qegħdin fil-verita fl-*annual budget.*

56.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

56.6.1 Skeda ta' pagamenti
L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

56.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

56.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

56.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

56.7 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:15 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-2 ta' April 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 12 ta' Marzu 2018.

IFFIRMATA
Keith Cassar
Sindku

IFFIRMATA
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv